MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Avviz Numru. 921/2000/1

**Stephen Triganza**

**Vs**

**Joseph Vancell**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur l-ammont ta' disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm926.17) sehem dovut mill-konvenut ghall-hajt ta' appogg bejn propjeta tal-konvenut u tal-attur.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Frar 2000 u dawk tal-ittri datati 16/11/99 u 5/07/99 u bl-interessi mill-15 ta' Frar 2000.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 10 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok l-eccipjent hallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u erbgha u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm674.25) u ghalhekk trid issir riduzzjoni ta' din is-somma mill-ammont pretiz mill-attur fl-avviz odjern.
2. Illi fit-tieni lok it-talbiet kif kontenuti fl-avviz huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi s-sehem li dovut ihallas l-eccipjent ghal hajt tal-appogg in kwisjotni bejn il-proprietajiet tal-kontendenti hu fl-ammont ta' sitt mija u erbgha u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm674.25) kif jirrizulta mir-rapport peritali Dok "JV" anness mal-process u ghalhekk l-eccipjent ma fadallu jhallas xejn aktar.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat kif ukoll id-dokument a fol 11 tal-atti u markat <u>Dok JV</u>.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat mill-attur stess a fol 14 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher mill-atti ta' din il-kawza, l-uniku xhud li xehed kien <u>l-istess konvenut</u> li in sostenn ta' dak eccepit minnu esebixxa diversi <u>dokumenti</u> (fol 25 et seq ibid u 36 et seq ibid). Fil-qasir, il-konvenut, kif jidher mill-istess eccezzjonijiet sottomessi minnu jsostni li ammont pretiz fl-avviz ghandu jigi ridott ghas-somma ta' Lm674.25,0 (ara fol 11 u fol 27 tal-atti). In rigward l-<u>istima</u> a fol 11 u a fol 27 ibid) din kienet saret mill-Perit indikat minnu stess sabiex jinbena l-post tieghu. Pero hu kien ircieva <u>kont</u> (fol 36 ibid) minghand l-attur fejn kien indikat li l-ammont dovut hu dak pretiz fl-avviz ossija Lm926.17,0. Dwar dan il-kont ghola l-konvenut issottolinea li ma kienx jidher li kien sar minn Arkitett. Ghalhekk il-konvenut kien inkariga Perit Arkitett iehor u dan issottometta stima inferjuri ghal

dik originali (ara fol 37 u fol 38 tal-atti). Cjononostante l-konvenut fi kliemu stess "… ghazilt, fuq parir tal-Avukat tieghi sabiex inhallas l-ghola somma cjoe …. (Lm674.25,0) … skond l-ewwel stima". Difatti, hu kien baghat ic-'cheque' li fotokopja tieghu tinsab a fol 39 ibid). Minn din jidher li l-istess 'cheque' gie debitament imsarraf skond kif jidher girat fuq in-naha ta' wara tieghu u dan qabel il-presentata tal-avviz in esami.

Ikkunsidrat

Illi l-attur ma pproduca ebda prova in sostenn ta' dak pretiz fl-avviz.

Illi in oltre, jidher li dak kollu eccepit mill-konvenut ghandu jigi akkolt minhabba dak kollu li xehed kif ukoll a basi tad-dokumenti esebiti minnu u dan minghajr il-htiega ta' nomina ta' espert tekniku 'in materia'.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut, tichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------